***Clusters* għall-vantaġġ kompetittiv**

*Daniela Busuttil Dougall*

L-Unjoni Ewropea (UE) preżentament qed tiffinanzja riċerka li tidentifika l-aqwa prattiċi ta' kif kumpaniji differenti fi ħdan l-istess settur jistgħu jikkollaboraw u jaqsmu r-riżorsi bejniethom għall-vantaġġ tagħhom. Din il-konglomerazzjoni ta' kumpaniji, li jissejħu wkoll *clusters,* jistgħu jużaw ir-riżorsi kollettivi tagħhom biex ikunu aktar kompetittivi u innovattivi. Fost l-oħrajn din it-tip ta' sħubija tassisti wkoll il-*clusters* biex jattiraw ftehim aħjar minn għand min jixtru u jipparteċipaw f'sejħiet ta' interess kbar li qabel ma kinux jistgħu jilħqu minħabba r-riżorsi limitati tagħhom.

Din ir-riċerka, iffinanzjata mill-UE qed tissejjaħ Pooling4Clusters u Malta hija waħda mill-imsieħba.  L-għan ta' dan il-proġett, li huwa kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tal-programm INTERREG IVC, huwa sabiex l-imsieħba jaqsmu bejniethom u jippruvaw l-aqwa servizzi għall-implimentazzjoni kompetittiva tal-*clusters.* Minbarra l-parteċipazzjoni ta' Malta rappreżentata mill-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni ta' Malta hemm sitt imsieħba oħra ġejjin minn Franza, il-Greċja, is-Slovenja, il-Ġermanja, l-Estonja kif ukoll is-sieħeb ewlieni li huwa l-Uffiċċju tal-Ekonomija tal-Provinċja ta' Namur fil-Belġju.

Fl-2004, proġett li kien kofinanzjat mill-Kummissjoni Ewropea, *Clusters linked over Europe* (CLOE) spjega l-*clusters* bħala "msieħba ekonomiċi ta' settur industrijali partikolari f'reġjun b'kompetittività internazzjonali li jirrelataw flimkien b'mod vertikali jew orizzontali".

Fl-Ewropa dawn l-isforzi jissejħu *Cluster Initiatives* (CIs) fejn dawn in-netwerks settorjali reġjonali jaħdmu flimkien biex isaħħu l-livelli tal-prestazzjoni u l-kompetittività internazzjonali li twassal biex trawwem tkabbir ekonomiku nazzjonali. Is-Segretarju Eżekuttiv tal-*Upper Austrian Economics Cluster,* Viktor Sigl, jispjega li l-inizjattivi tal-*clusters* jgħinu biex jiffaċilitaw innovazzjonijiet li jwassluhom għall-maturità tas-suq u b'hekk jiġi assigurat suċċess ekonomiku għal tul ta' żmien għall-kumpaniji involuti.

Il-proġett Pooling4Clusters għandu l-għan li jiżviluppa pjattaforma għall-'aqwa prattiċi' li jiffokaw fuq ir-rabtiet bejn l-Aġenziji ta' Żvilupp u s-CIs. L-objettiv ewlieni huwa li jkun hemm żvilupp fil-kapaċità tal-innovazzjoni tal-intrapriżi eżistenti fir-reġjuni/pajjiżi msieħba, permezz ta' titjib fl-effettività tal-politika ta' appoġġ tal-*clusters.*

B'mod partikolari permezz tal-identifikazzjoni u l-analiżi ta' prattiċi tajbin fir-reġjun jew pajjiż imsieħeb, dan il-proġett ser jipproduċi linji gwida u rakkomandazzjonijiet li jservu ta' għajnuna għall-awtoritajiet biex isibu metodu pre-eminenti sabiex itejbu l-qafas tal-appoġġ tagħhom għall-*clusters* eżistenti u/jew dawk li għandhom potenzjal.

Matul l-ewwel fażijiet ta' identifikazzjoni tas-servizzi ġew irrekordjati total ta' 96 prattika. Dan ġie segwit minn proċess ta' evalwazzjoni mill-imsieħba kollha. Din l-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq l-attributi li għandhom impatt dirett fuq il-miżuri finanzjarji u dawk tal-ottimizzazzjoni li dawn is-servizzi jġibu fil-*clusters;* l-impatt fuq kemm ir-reġjun/pajjiż huwa attraenti u l-

Interreg IVC Programme – Cohesion Policy 2007 – 2013
Innovation & Environment Regions of Europe Sharing Solutions
This project is part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds
**Investing in your future**

koerenza fl-internazzjonalizzazzjoni tas-sistema ta' appoġġ. Attributi oħra nkludew it-tisħiħ tal-kompetittività tal-intrapriżi u l-iżvilupp ta' sinerġiji u sħubiji innovattivi.

Wara l-proċess ta' evalwazzjoni, ġew magħżula 15-il prattika tajba u kull imsieħeb fosthom Malta, ser jagħżlu żewġ prattiċi biex jittestjaw fir-reġjun tagħhom. Jekk nagħtu ħarsa ħafifa lejn l-aqwa prattiċi magħżula nsibu t-twaqqif ta' faċilità *online* – waħda mill-aqwa prattiċi preżentati mill-Fondazzjoni Sophia Antipolis ta' Franza, u li sservi bħala waħda mill-għodod żviluppati u tintuża biex tappoġġja intrapriżi fil-proġetti innovattivi tagħhom. Prattika oħra, li din id-darba oriġinat mill-Belġju hija dik tat-twaqqif ta' *Help Desks,* li tikkonsisti f'persunal ikkwalifikat li jirrispondi għall-mistoqsijiet relatati mas-swieq, sħubija, proġetti kurrenti u potenzjali, informazzjoni ġenerali etċ.

Prattika mill-aqwa oħra, issuġġerita mill-Ġermanja, hija relatata mal-innovazzjoni u t-teknoloġija. Din il-prattika ta' negozju ta' intelliġenza hija mekkaniżmu li jipprovdi konsulenza lill-kumpaniji membri biex jidentifikaw imsieħba ġodda fin-negozju u opportunitajiet ġodda ta' negozju f'pajjiżhom jew f'pajjiż ieħor madwar id-dinja.

L-appoġġ tal-*clusters* f'Malta jaqa' taħt l-iskema tan-Netwerk tan-Negozju u Żvilupp taħt l-Att tal-Malta Enterprise, li tinċentiva intrapriżi kbar kif ukoll SMEs biex iwettqu attivitajiet flimkien. Il-proġett Pooling4Clusters għandu l-għan li jtejjeb il-politika li tappoġġja l-*clusters* fuq livell nazzjonali u reġjonali, permezz ta' lezzjonijiet li tgħallmu reġjuni oħra. Huwa meħtieġ li b'mod partikolari, l-inizjattivi minn *clusters* iżidu l-investiment kollettiv fir-riċerka u l-innovazzjoni, li eventwalment jirriżultaw f'tisħiħ tal-kompetittività nazzjonali. Dan huwa konformi mal-Istrateġija ta' Lisbona tal-UE.

Permezz tal-proġett Pooling4Clusters, ikun hemm skambju ta' diversi għodda u esperjenzi bejn l-imsieħba kollha, assi li ser jgħinu lil Malta tevita żvantaġġi potenzjali u tassigura suċċess aħjar fil-*cluster.*

*Daniela Busuttil Dougall hija Konsulent tal-Kapital Uman fil-MITA u qed tmexxi l-proġett Pooling4Clusters f'Malta.*

Q&A: daniela.busuttil@gov.mt; direct no +356 25992510; mob +356 79066328

Interreg IVC Programme – Cohesion Policy 2007 –
Innovation & Environment Regions of Europe Sharing

This project is part-financed by the European Un
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds

**Investing in your future**